A.L. 175 ta' l-1991

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 12)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 12).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Novembru, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Id-dar bin-numru 9, Fuq Tal-Blat, Qasam Bini tal-Gvern, Qormi.

(2) Flat numru 13, Blokk 9, Bieb B, Triq il-Ġilju, Qasam Bini tal-Gvern, San Ġwann.

(3) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tal-Ħandaq, limiti Qormi, tal-kejl ta' madwar 41 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar u Lvant ma' toroq pubbliċi, delineata bl-aħmar fuq L.D. 92/90/1 (Riżoluzzjoni Parlamentari tat-18 ta' Ġunju, 1985).